MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru 1305/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 24 TA’ JANNAR 2008**

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Charles Mizzi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 403185(M) akkuzat talli:

- fil-lejl bejn il-5 u s-6 ta' April, mill-fond nru. 11, Triq il-Halel, (Bugibba) San Pawl il-Bahar, li jintuza bhala hanut ta' l-imhatri u banka tal-lottu nru. 301, ikkommetta serq ta' flus kontanti, kemm Maltin u kemm barranin, kif ukoll kwantita' ta' mobile phone top-up vouchers, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' Joseph Galea u/jew ta' persuni ohra.

- Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin, imma izjed minn hamsin lira Maltin u li saret ghad-dannu ta' Joseph Galea u/jew ta' persuni ohra.

Rat l-akkuza.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel dehra jammetti l-akkuzi f'liema ammisjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat illi l-imputat hu akkuzat b'serq aggravat bil-mezz, valur, u hin u akkuzat ukoll b'hsara volontarja li tiddecedi il-hamsin lira.

Illi s-serq jirrigwardja 'mobile phone top-up vouchers'.

Fuq ammisjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat issibu hati.

Rat l-Artikolu 261 (b) (c) u (f) 264, 267, 270, 278, 279, 280, 325 u 17 tal-Kap. 9 tiddeciedi li tikkundannah sentejn prigunerija li wara li rat l-Artikolu 28 (a) tal-Kap. 9 qeghda tissospendi ghal perjodu ta' 4 snin sakemm l-imputat ma jikkomettix reat iehor f'dan il-perjodu operattiv.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------